

ANNEX I

RAPPORTAR DWAR PJANIJET TA' FINANZJAMENT

Werrej

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI.....	3
1. Struttura u konvenzjonijiet.....	3
1.1. Struttura.....	3
1.2. Konvenzjoni dwar in-numerazzjoni.....	3
1.3. Konvenzjoni tas-sinjali	3
PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-MUDELLI.....	4
1. Projezzjonijiet	4
2. Taqsima 1A: ħarsa ġenerali lejn il-karta bilanċjali	5
2.1. Kummenti ġenerali.....	5
2.2. Assi (P01.01).....	5
2.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	5
2.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	11
3. Taqsima 1B: proporzjonijiet tal-likwidità (P01.03).....	16
3.1. Kummenti ġenerali.....	16
3.1.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	16
4. Taqsima 2A: dipendenza fuq finanzjament speċifiku.....	18
4.1. Kummenti ġenerali.....	18
4.2. Depożiti assigurati u mhux assigurati u strumenti finanzjarji mhux assigurati simili għal depożiti (P02.01).....	18
4.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	18
4.3. Sorsi ta' finanzjament mis-settur pubbliku u minn banek ċentrali (P02.02)	19
4.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	19
4.4. Strutturi innovattivi ta' finanzjament (P02.03).....	20
4.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi	21
5. Taqsima 2B: ipprezzar	21
5.1. Kummenti ġenerali.....	21
5.2. Ipprezzar: assi ta' self (P02.04)	22
5.3. Ipprezzar: depożiti u obbligazzjonijiet oħra (P02.05).....	22
6. Taqsima 2C: assi u obbligazzjonijiet f' muniti barranin u fil-munita tar-rapportar (P02.06).....	22
6.1. Kummenti ġenerali.....	22
7. Taqsima 2D: pjani ta' ristrutturar tal-assi u tal-obbligazzjonijiet (P02.07 u P02.08).....	23

7.1.	Kummenti ġenerali.....	23
8.	Taqsim 4: rapport tal-introjt (P04.01 u P04.02).....	24
8.1.	Kummenti ġenerali.....	24
8.1.1.	Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi għal P04.01	24
8.1.2.	Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi għal P04.02	24
9.	Taqsim 5: ħruġ ippjanat (P05.00).....	25
9.1.	Kummenti ġenerali.....	25

PARTI I: STRUZZJONIJIET ĠENERALI

1. Struttura u konvenzjonijiet

1.1. Struttura

1. B'mod ġenerali, il-qafas ta' rapportar ta' pjan ta' finanzjament jikkonsisti f'erba' blokk ta' mudelli:

(a) Taqsima 1: ħarsa ġenerali lejn il-karta bilanċjali u l-proporzjonijiet tal-likwidità (il-mudelli P01.01, P01.02 u P01.03);

(b) Taqsima 2:

- (i) dipendenza fuq finanzjament speċifiku (P02.01, P02.02 u P02.03);
- (ii) ipprezzar (P02.04 u P02.05);
- (iii) assi u obbligazzjonijiet fil-muniti barranin u ta' rapportar (P02.06);
- (iv) pjanijiet ta' ristrutturar tal-assi u tal-obbligazzjonijiet (P02.07 u P02.08);

(c) Taqsima 4: rapport tal-introjtu (P04.01 u P04.02);

(d) Taqsima 5: ħruġ ippjanat (P05.00).

2. Għal kull mudell, ġew ipprovduti referenzi legali. Aktar informazzjoni dettaljata dwar aspetti aktar ġenerali tar-rapportar ta' kull blokk ta' mudelli u struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi huma inklużi f'din il-parti tal-linji gwida.

1.2. Konvenzjoni dwar in-numerazzjoni

3. Kull referenza għall-kolonna, għar-ringieli u għaċ-ċelloli tal-mudelli f'dan id-dokument issegwi l-konvenzjoni dwar it-tikkettar stabbilita hawn taħt. Dawn il-kodiċijiet numeriċi jintużaw b'mod estensiv fir-regoli dwar il-validazzjoni.

4. In-notazzjoni ġenerali segwenti hija segwita fl-istruzzjonijiet: {mudell; ringiela; kolonna}.

5. Fil-każ ta' validazzjonijiet f'mudell, li fih jintużaw biss punti tad-*data* ta' dak il-mudell, in-notazzjonijiet ma jirreferux għal mudell: {ringiela; kolonna}.

6. Għall-fini tar-rapportar dwar il-karti bilanċjali (Taqsima 1), id-dipendenza fuq il-finanzjament (Taqsima 2) u l-ħruġ (Taqsima 5), 'li minnhom' tirreferi għal entrata li hija subsett ta' assi jew ta' kategorija ta' obbligazzjoni ta' livell oġġla, filwaqt li 'entrata ta' memorandum' tirreferi għal entrata separata u mhux għal subsett. Ir-rapportar taż-żewġ tipi ta' entrati huwa obligatorju sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.

1.3. Konvenzjoni tas-sinjali

7. B'mod ġenerali, l-ammonti kollha għandhom jiġu rapportati bħala ċifri pożittivi. Għandha titqies il-kunsiderazzjoni li ġejja:

(a) Għat-Taqsima 1 (ħarsa ġenerali lejn il-karta bilanċjali) u t-Taqsima 4 (rapport tal-introjtu), għandha tiġi applikata l-konvenzjoni tas-sinjali użata għall-Qafas

ta' Rapportar Finanzjarju (FINREP) billi jiġu segwiti l-istruzzjonijiet definiti fil-Parti 1, it-Tabella 1 tal-Anness V għar-Regolament (UE) Nru 680/2014.

- (b) Meta jkun hemm proporzjon negattiv tal-kopertura tal-likwidità (LCR) jew proporzjon ta' finanzjament stabbli nett (NSFR), il-valuri korrispondenti għandhom jiġu rapportati bħala ċifri negattivi fil-mudell P01.03 dwar il-proporzjonijiet tal-likwidità.
- (c) Taħt kundizzjonijiet speċifiċi tas-suq, jiġifieri meta tapplika rata tal-imgħax negattiva għal strument partikolari, fit-Taqsima 2B (ipprezzar) jistgħu jiġu rapportati valuri negattivi.
- (d) L-ammonti rapportati fil-mudelli tat-Taqsima 2 (P02.07 u P02.08) jistgħu jiġu ppreżentati bħala ċifri negattivi, jiġifieri meta l-likwidazzjonijiet u d-disponimenti jkunu oġhla mill-akkwiżizzjonijiet.
- (e) L-amortizzazzjonijiet fir-ringieli 'qed jimmaturaw (ħruġ gross)' fit-Taqsima 5 (ħruġ) għandhom jiġu rapportati bħala ċifri pożittivi.

PARTI II: STRUZZJONIJIET RELATATI MAL-MUDELLI

1. Projezzjonijiet

8. L-elementi tad-*data* għandhom jiġu projettati għal 3 snin mid-*data* ta' referenza. L-eċċezzjonijiet huma d-*data* dwar l-LCR (P01.03) u dwar l-ipprezzar (P02.04 u P02.05), li jeħtieġu projezzjonijiet ta' sena 1.

9. Id-*data* ta' referenza għandha tkun il-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti.

10. Meta l-liġijiet nazzjonali jippermettu li l-istituzzjonijiet ta' kreditu jirrapportaw l-informazzjoni finanzjarja tagħhom abbażi tat-tmiem is-sena kontabilistika tagħhom, li tiddevja minn tmiem is-sena kalendarja, id-*data* ta' referenza għandha titqies li hija l-aħħar tmiem is-sena kontabilistika disponibbli.

11. Għad-*data* ta' referenza ta' tmiem is-sena finanzjarja (*t*), iċ-ċifri rapportati għandhom jirreferu għal:

Kolonni	
010	<u>Pożizzjoni kurrenti attwali</u> Il-pożizzjoni kurrenti attwali (tmiem is-sena kontabilistika <i>t</i>), li tirrappreżenta d- <i>data</i> ta' referenza għar-rapportar tal-pjanijiet ta' finanzjament.
030	<u>Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 1</u> Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 1 (tmiem is-sena kontabilistika <i>t</i> + sena 1).
040	<u>Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 2</u> Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 2 (tmiem is-sena kontabilistika <i>t</i> + sentejn).
050	<u>Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 3</u>

	Pożizzjoni ppjanata tas-Sena 3 (tmim is-sena kontabilistika $t + 3$ snin).
--	--

12. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, l-ammont rapportat għandu jkun l-ammont riportat.

2. Taqsima 1A: ħarsa ġenerali lejn il-karta bilanċjali

2.1. Kummenti ġenerali

13. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-iżviluppi ppjanati fil-karta bilanċjali tagħhom, speċifikament projezzjoni ta' 3 snin tal-pożizzjoni tal-istokk tal-assi (P01.01) u tal-obbligazzjonijiet (P01.02) fuq il-karta bilanċjali.

14. Il-projezzjonijiet fil-karta bilanċjali għandhom iqisu wkoll il-pjanijiet ta' ristrutturar, jiġifieri *d-data* għandha tiġi rapportata wkoll fil-mudelli P02.07 u P02.08 separatament.

2.2. Assi (P01.01)

2.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	<p><u>Flus u bilanċi tal-flus f'banek ċentrali</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi flus u bilanċi tal-flus f'banek ċentrali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 2.</p>
020	<p><u>Self ta' retroriakkwist</u></p> <p>Is-self ta' retroriakkwist huwa definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 85(e).</p>
030	<p><u>Self u avvanzi lil unitajiet domestiċi (minbarra self ta' retroriakkwist)</u></p> <p>Is-self u l-avvanzi huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 32.</p> <p>Din l-entrata tinkludi dak is-self u l-avvanzi li l-kontroparti tagħhom hija unità domestika, kif definit fl-istess anness fil-Parti 1, il-paragrafu 42(f). Fil-każ ta' self u avvanzi, il-kontroparti għandha tkun il-mutwatarju immedjat skont il-Parti 1, il-paragrafi 43 u 44(a).</p> <p>Is-self ta' retroriakkwist, kif definit fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 85(e), huwa eskluż.</p>
035	<p><u>l/m mhux produttiv</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi skoperturi improduttivi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 213 u t-test li ġej.</p>

040	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>‘Domestiċi’ għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>
041	<p><u>Indeboliment akkumulat, tibdil negattiv akkumulat fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet domestiċi (entrata ta' memorandum)</u></p> <p>Indeboliment akkumulat u tibdil negattiv akkumulat fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.</p>
070	<p><u>l/m Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli residenzjali</u></p> <p>Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli huwa definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 86(a) u 87. Id-distinzjoni bejn self residenzjali u kummerċjali kollateralizzat minn proprjetà immobbli hija pprovduta fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 173(a).</p>
091	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) minbarra l-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
092	<p><u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE (entrata ta' memorandum)</u></p> <p>Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.</p>
093	<p><u>l/m Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli residenzjali</u></p> <p>Self kollateralizzat minn proprjetà immobbli huwa definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 86(a) u 87. Id-distinzjoni bejn self residenzjali u kummerċjali kollateralizzat minn proprjetà immobbli hija pprovduta fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 173(a).</p>
096	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.</p>
097	<p><u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE (entrata ta' memorandum)</u></p> <p>Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.</p>

100	<p><u>Self u avvanzi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji (minbarra self ta' retroriakkwist)</u></p> <p>Is-self u l-avvanzi huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 32.</p> <p>Din l-entrata tinkludi dak is-self u l-avvanzi li l-kontroparti tagħhom hija korporazzjoni mhux finanzjarja, kif definit fl-istess anness fil-Parti 1, il-paragrafu 42(e). Fil-każ ta' self u avvanzi, il-kontroparti għandha tkun il-mutwatarju immedjat skont il-Parti 1, il-paragrafi 43 u 44(a).</p> <p>Is-self ta' retroriakkwist, kif definit fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 85(e), huwa eskluż.</p>
105	<p><u>l/m mhux produttivi</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi skoperturi improduttivi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 213 u t-test li ġej.</p>
110	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>
111	<p><u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet domestiċi (entrata ta' memorandum)</u></p> <p>Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.</p>
140	<p><u>Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi self u avvanzi domestiċi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 5.</p>
150	<p><u>Korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi self u avvanzi domestiċi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs.</p>
161	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
162	<p><u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE (entrata ta' memorandum)</u></p>

	Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.
163	<u>Intrapriżi Żġħar u ta' daqs Medju</u> Din l-entrata tinkludi selfiet u avvanzi (minbarra selfiet ta' retroriakkwist) mogħtija f'pajjiżi taż-ŻEE minbarra l-pajjiż tal-entità relatriċi lill-SMEs, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, Anness V, Parti 1, paragrafu 5.
164	<u>Korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs</u> Din l-entrata tinkludi selfiet u avvanzi (għajr selfiet ta' retroriakkwist) mogħtija f'pajjiżi taż-ŻEE minbarra l-pajjiż tal-entità relatriċi lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra l-SMEs.
167	<u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u> Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.
168	<u>Indeboliment akkumulat, bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu għal attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE (entrata ta' memorandum)</u> Indeboliment akkumulat u bidliet negattivi akkumulati fil-valur ġust minħabba riskju ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 69 sa 71.
180	<u>Self u avvanzi lil istituzzjonijiet ta' kreditu (minbarra self ta' retroriakkwist)</u> Self u avvanzi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil istituzzjonijiet ta' kreditu huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(c).
181	<u>Attivitajiet domestiċi</u> 'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.
182	<u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u> Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.
183	<u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u> Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.
190	<u>Self u avvanzi lil korporazzjonijiet finanzjarji oħra (minbarra self ta' retroriakkwist)</u>

	Self u avvanzi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil korporazzjonijiet finanzjarji oħra huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(d).
191	<u>Attivitajiet domestiċi</u> ‘Domestiċi’ għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.
192	<u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u> Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.
193	<u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u> Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.
195	<u>Self u avvanzi lil banek ċentrali (minbarra self ta' retroriakkwist)</u> Self u avvanzi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil banek ċentrali huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(a).
197	<u>Self u avvanzi lil gvernijiet ġenerali (minbarra self ta' retroriakkwist)</u> Self u avvanzi (minbarra self ta' retroriakkwist) lil gvernijiet ġenerali huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(b).
200	<u>Derivattivi</u> Din l-entrata tinkludi derivattivi miżmuma għan-negozjar u għall-kontabilità għall-iħħeġġjar skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafi 15(a), 16(a), 17 u 22.
205	<u>Titoli ta' dejn</u> Titoli ta' dejn huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 31.
207	<u>Strumenti azzjonarji</u> Din l-entrata tinkludi ż-żamma ta' strumenti azzjonarji ta' entitajiet oħra, minbarra investimenti f'sussidjarji, f'impriżi konġunti u f'kumpaniji assoċjati u dawk ikklassifikati bħala assi mhux kurrenti u gruppi ta' disponiment ikklassifikati bħala miżmuma għall-bejgħ.
211	<u>Assi oħrajn</u> Din l-entrata tinkludi kwalunkwe assi ieħor, kif definit fir-ringiela 220, li ma jkunx diġà ġie rapportat fir-ringieli minn 010 sa 207 hawn fuq.
220	<u>Assi Totali</u> Din l-entrata tinkludi l-assi totali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 1 sa 7.

	L-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS) 1.9(a), il-Linji Gwida ta' Implimentazzjoni (IG)6 u d-Direttiva dwar il-Kontabilità tal-Banek (BAD) l-Artikolu 4 Assi.
230	<p><u>Linji ta' kreditu impenjati mhux prelevati</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi l-ammont nominali ta' linji ta' kreditu impenjati mhux prelevati kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 113(b).</p>
240	<p><u>Self u avvanzi lil entitajiet fi grupp li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali (minbarra self ta' retroriakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi self u avvanzi li l-kontropartijiet tagħhom huma entitajiet fil-grupp ta' kontabbiltà iżda barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali. Tinkludi 'sussidjarji u entitajiet oħrajn tal-istess grupp' u 'assoċjati u impriżi konġunti' abbażi tal-prinċipju stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 289. Teskludi self ta' retroriakkwist.</p>

2.3. Obbligazzjonijiet (P01.02)

2.3.1. Struzzjonijiet dwar pozzizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	<p><u>Ftehimiet ta' riakkwist</u></p> <p>Ftehimiet ta' riakkwist huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 183 u 184.</p>
020	<p><u>Depożiti minn unitajiet domestiċi (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Depożiti huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 36, u l-Parti 2, il-paragrafu 97.</p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti li l-kontroparti tagħhom, jiġifieri d-depożitant, hija unità domestika, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(f).</p> <p>'Ftehimiet ta' riakkwist', kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 183 u 184, huma esklużi.</p>
030	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>
051	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
052	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.</p>
060	<p><u>Depożiti minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Depożiti huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 36, u l-Parti 2, il-paragrafu 97.</p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti li l-kontroparti tagħhom, jiġifieri d-depożitant, hija korporazzjoni mhux finanzjarja, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(e).</p> <p>Ftehimiet ta' riakkwist, kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 183 u 184, huma esklużi.</p>
070	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>

090	<p><u>Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti domestiċi (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) lil SMEs kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 5(i).</p>
100	<p><u>Korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti domestiċi (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs.</p>
111	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
112	<p><u>Intrapriżi Żgħar u ta' daqs Medju</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (esklużi ftehimiet ta' riakkwist) f'pajjiżi taż-ŻEE minbarra l-pajjiż tal-entità relatriċi mill-SMEs kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, Anness V, Parti 1, paragrafu 5.</p>
113	<p><u>Korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra SMEs</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (għajr ftehimiet ta' riakkwist) f'pajjiżi taż-ŻEE minbarra l-pajjiż tal-entità relatriċi minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji minbarra l-SMEs.</p>
115	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.</p>
130	<p><u>Depożiti minn istituzzjonijiet ta' kreditu (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) minn istituzzjonijiet ta' kreditu kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(c).</p>
131	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>
132	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
133	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f'pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.</p>

140	<p><u>Depożiti minn korporazzjonijiet finanzjarji oħra (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) minn korporazzjonijiet finanzjarji oħra kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(d).</p>
141	<p><u>Attivitajiet domestiċi</u></p> <p>'Domestiċi' għandha tinkludi l-attivitajiet rikonoxxuti fl-Istat Membru fejn tinsab l-istituzzjoni li tirrapporta skont ir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 270.</p>
142	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi oħra taż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f' pajjiżi taż-ŻEE għajr il-pajjiż tal-entità li tirrapporta.</p>
143	<p><u>Attivitajiet ta' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi attivitajiet rikonoxxuti f' pajjiżi li mhumiex fiż-ŻEE.</p>
145	<p><u>Depożiti minn banek ċentrali (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) minn banek ċentrali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(a).</p>
147	<p><u>Depożiti minn gvernijiet ġenerali (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti (minbarra ftehimiet ta' riakkwist) minn gvernijiet ġenerali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(b).</p>
150	<p><u>Titoli ta' dejn ta' terminu qasir maħruġin (maturità oriġinali <sena 1)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn maħruġin kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 37, u l-Parti 2, il-paragrafu 98.</p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn maħruġin b' maturità oriġinali ta' inqas minn sena 1 u dawk li l-ewwel data eżerċitabbli possibbli tagħhom fid-data tal-ħruġ hija ta' inqas minn 12-il xahar.</p>
160	<p><u>Titoli ta' dejn mhux garantiti ta' terminu qasir maħruġin</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn ta' terminu qasir (kif definit fir-ringiela 150) li mhumiex sostnuti jew garantiti minn kollateral.</p>
170	<p><u>Titoli ta' dejn garantiti ta' terminu qasir maħruġin</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn ta' terminu qasir (kif definit fir-ringiela 150) li huma sostnuti jew garantiti minn kollateral.</p>
180	<p><u>Titoli ta' dejn ta' terminu twil maħruġin (maturità oriġinali >=sena 1)</u></p>

	<p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn maħruġin kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 37, u l-Parti 2, il-paragrafu 98.</p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn b' maturità oriġinali ta' sena 1 jew aktar u dawk li l-ewwel data eżerċitabbli possibbli tagħhom fid-data tal-ħruġ hija ta' 12-il xahar jew aktar.</p>
190	<p><u>Titoli ta' dejn mhux garantiti ta' terminu twil totali maħruġin</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn ta' terminu twil (kif definit fir-ringiela 180) li mhumiex sostnuti jew garantiti minn kollateral.</p>
191	<p><u>Strumenti tal-Grad 1 addizzjonali</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi strumenti kapitali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
192	<p><u>Strumenti tal-Grad 2</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi strumenti kapitali jew self subordinat li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
193	<p><u>Strumenti subordinati (li mhumiex diġà tal-Grad 1 jew tal-Grad 2)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi obligazzjonijiet li skont il-liġi nazzjonali dwar l-insolvenza jiġihallu lura biss wara li l-klassijiet kollha ta' kredituri ordinarji u ta' kredituri mhux preferuti superjuri jkunu tħallsu kollox lura. Dan jinkludi obligazzjonijiet subordinati kemm kuntrattwalment kif ukoll statutorjament. F'din il-kategorija għandhom jiġu inklużi biss strumenti subordinati li mhumiex rikonoxxuti bħala fondi proprji. Din ir-ringiela għandha tinkludi wkoll il-parti tal-obbligazzjonijiet subordinati li tikkwalifika fil-prinċipju bħala fondi proprji, iżda mhijiex inkluża fil-fondi proprji minħabba dispożizzjonijiet ta' eliminazzjoni gradwali bħall-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (maturità residwa) jew il-Parti 10 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (impatt tal-anterjorità).</p>
194	<p><u>Superjuri mhux bi preferenza</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi l-obbligazzjonijiet li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> - pretensjonijiet mhux garantiti li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2(a), (b) u (c) u fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE; - pretensjonijiet mhux garantiti li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 108(5) tad-Direttiva 2014/59/UE; - strumenti ta' dejn bl-aktar klassifikazzjoni baxxa ta' prijorità fost il-pretensjonijiet mhux garantiti ordinarji li jirriżultaw minn strumenti ta' dejn imsemmija fl-Artikolu 108(7) tad-Direttiva 2014/59/UE, li f'konformità ma' dak il-paragrafu, Stat Membru jkun ipprovdha li dawn għandhom l-istess klassifikazzjoni bħal dik ta' pretensjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2(a), (b) u (c) u tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 108 tad-Direttiva 2014/59/UE.
195	<p><u>Superjuri mhux garantiti (HoldCo)</u></p>

	<p>Fil-każ ta' kumpaniji azzjonarji, titoli ta' dejn mhux subordinati jiġu rapportati f'din il-kategorija (jiġifieri subordinazzjoni strutturali).</p> <p>Din l-entrata tinkludi strumenti ordinarji mhux garantiti maħruġa minn entità ta' riżoluzzjoni li fuq il-karta bilanċjali tagħha ma għandha l-ebda obligazzjoni eskluża kif imsemmi fl-Artikolu 72a(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li tikklassifika <i>pari passu</i> jew inqas minn strumenti ta' obligazzjonijiet eliġibbli.</p>
196	<p><u>Strumenti mhux garantiti ta' terminu twil oħra</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi strumenti mhux garantiti ta' terminu twil li mhumiex koperti fir-ringieli minn 191 sa 195, li prinċipalment tirreferi għal strumenti komunement imsejja superjuri mhux garantiti preferenzjali.</p>
220	<p><u>Titoli ta' dejn garantiti ta' terminu twil totali maħruġin</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn ta' terminu twil (kif definit fir-ringiela 180) li huma sostnuti jew garantiti minn kollateral.</p>
250	<p><u>Bonds koperti</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
280	<p><u>Titoli garantiti b'assi</u></p> <p>'Titoli garantiti b'assi' huma definiti fl-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
310	<p><u>Titoli ta' dejn garantiti ta' terminu twil oħra</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi kwalunkwe titolu ieħor ta' dejn ta' terminu twil maħruġ (kif definit fir-ringiela 180) li huwa sostnut jew garantit minn kollateral li ma jkunx diġà ġie rapportat fir-ringiela 250 jew fir-ringiela 280.</p>
340	<p><u>Titoli ta' dejn totali maħruġin</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn maħruġin kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 37, u l-Parti 2, il-paragrafu 98.</p>
350	<p><u>l/m (maturità oriġinali >=3 snin)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi titoli ta' dejn maħruġin (kif definit fir-ringiela 340) b' maturità oriġinali ta' 3 snin jew aktar u dawk li l-ewwel data eżerċitabbli possibbli tagħhom fid-data tal-ħruġ hija ta' 3 snin jew aktar.</p>
360	<p><u>Derivattivi</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi kontabbiltà għall-iħħeġġjar tad-derivattivi kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafi 25 u 26.</p>
370	<p><u>Ekwiżità totali</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi l-ekwiżità totali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 16 sa 30.</p>

381	<p><u>Obbligazzjonijiet oħra</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi kwalunkwe obbligazzjoni oħra li tista' tiġi inkluża fir-ringiela 390 li ma tkunx diġà ġiet rapportata fir-ringieli hawn fuq.</p>
390	<p><u>Obbligazzjonijiet u ekwità totali</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi l-obbligazzjonijiet u l-ekwità totali kif definit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 8 sa 30.</p> <p>IAS 1.IG6 u BAD l-Artikolu 4.Obbligazzjonijiet.</p>
400	<p><u>Depożiti minn entitajiet fi grupp oħra li mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali (minbarra ftehimiet ta' riakkwist)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi depożiti li l-kontropartijiet tagħhom huma entitajiet fi ħdan il-grupp tal-kontabilità iżda barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni prudenzjali. Tinkludi 'sussidjarji u entitajiet oħrajn tal-istess grupp' u 'assoċjati u impriżi konġunti' abbażi tal-prinċipju stabbilit fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafu 289. Teskludi ftehimiet ta' riakkwist.</p>

3. Taqsima 1B: proporzjonijiet tal-likwidità (P01.03)

3.1. Kummenti ġenerali

15. Dan il-mudell ikopri l-projezzjoni ta':

- (a) l-LCR u l-elementi ewlenin tiegħu fuq medda ta' żmien ta' sena 1;
- (b) l-NSFR u l-elementi ewlenin tiegħu fuq medda ta' żmien ta' 3 snin (P01.03).

16. Id-*data* definita fil-mudell P01.03 għandha tiġi rapportata meta l-istituzzjoni ta' kreditu tkun meħtieġa tikkalkula l-proporzjonijiet tal-likwidità skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61, fil-livell individwali jew fil-livell konsolidat skont kif ikun xieraq. Meta tkun meħtieġa *data* konsolidata, id-*data* għandha tiġi pprovduta billi jiġi segwit il-perimetru meħtieġ għal-likwidità mir-Regolament (UE) Nru 575/2013, it-Titolu II, il-Kapitolu II, u fl-Artikolu 2.3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61.

3.1.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	<p><u>Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett¹</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi l-NSFR skont il-Kapitolu 1, it-Titolu IV, il-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>
012	<p><u>NSFR – Finanzjament Stabbli Disponibbli (ASF)¹</u></p>

¹ Sakemm jibda japplika l-NSFR introdott mir-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'Ġunju 2021, id-*data* li għandha tiġi rapportata għandha tirreferi għall-aħħar eżerċizzju ta' monitoraġġ ta' Basel III.

	Din l-entrata tinkludi l-finanzjament stabbli disponibbli skont il-Kapitolu 3, it-Titolu IV, il-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
014	<u>NSFR – Finanzjament Stabbli Meħtieġ (RSF)¹</u> Din l-entrata tinkludi l-finanzjament stabbli meħtieġ skont il-Kapitolu 4, it-Titolu IV, il-Parti Sitta tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
020	<u>NSFR pożittiv/(defiċit)</u> Din l-entrata tinkludi l-finanzjament stabbli disponibbli kif definit fir-ringiela 012 bit-tnaqqs tal-finanzjament stabbli meħtieġ kif definit fir-ringiela 014.
030	<u>Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità</u> Din l-entrata tinkludi l-LCR ikkalkulat kif speċifikat fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u l-Annessi XXIV u XXV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.
032	<u>LCR - Riżervi ta' likwidità</u> Din l-entrata tinkludi r-riżerva ta' likwidità kif speċifikat fit-Titolu II tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u l-Annessi XXIV u XXV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.
034	<u>LCR – Fluss tal-ħruġ nett tal-likwidità</u> Din l-entrata tinkludi l-fluss tal-ħruġ nett tal-likwidità kif speċifikat fil-Kapitolu 1, it-Titolu III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u l-Annessi XXIV u XXV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.
035	<u>Fluss tal-ħruġ totali tal-likwidità</u> Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw il-fluss tal-ħruġ skont il-Kapitolu 2, it-Titolu III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u l-Annessi XXIV u XXV għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.
036	<u>Tifdija tad-dħul totali</u> Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw it-tifdija tad-dħul skont il-Kapitolu 3, it-Titolu III tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u l-Annessi XXIV u XXV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014. Din l-entrata tinkludi s-somma tat-tnaqqs għal dħul b'eżenzjoni totali, għal dħul soġġett għal limitu massimu ta' 90 % u għal dħul soġġett għal limitu massimu ta' 75 %.
040	<u>LCR pożittiv/(defiċit)</u> Din l-entrata tinkludi r-riżerva ta' likwidità kif definit fir-ringiela 032 bit-tnaqqs tal-fluss tal-ħruġ nett tal-likwidità kif definit fir-ringiela 034.

4. Taqsima 2A: dipendenza fuq finanzjament speċifiku

4.1. Kummenti ġenerali

17. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw:

(a) Il-projezzjoni ta' depożiti koperti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew minn skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz u dawk id-depożiti li mhumiex assigurati (P02.01).

(b) Il-projezzjoni ta' strumenti finanzjarji simili għal depożiti li jinbiegħu lil konsumaturi fil-livell ta' konsumatur (P02.01).

(c) Il-projezzjoni ta' sorsi ta' finanzjament li huma pprovduti direttament jew indirettament mis-settur pubbliku u mill-banek ċentrali. Dan jinkludi programmi ta' finanzjament repo ta' terminu medju u twil, programmi ta' finanzjament ta' garanzija tal-kreditu u programmi ta' appoġġ ta' garanzija/provvista ta' kreditu għall-ekonomija reali (P02.02).

(d) Il-projezzjoni ta' dejn jew ta' strutturi ta' finanzjament innovattivi simili għal dejn, inklużi strumenti innovattivi simili għal depożiti (P02.03).

4.2. Depożiti assigurati u mhux assigurati u strumenti finanzjarji mhux assigurati simili għal depożiti (P02.01)

18. Strument finanzjarju simili għal depożitu mhux assigurat huwa strument finanzjarju li jista' jixbah depożitu, iżda li jinvolvi riskji differenti minn dawk ta' depożitu, peress li dan l-istrument finanzjarju mhuwiex kopert minn skema ta' garanzija tad-depożiti.

4.2.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	<p><u>Depożiti koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew minn skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz.</u></p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw id-depożiti koperti skont l-Artikolu 2, il-paragrafu 1(5) tad-Direttiva 2014/49/UE dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti, jiġifieri d-depożiti kollha eliġibbli għal kumpens għal kull klijent mal-istituzzjoni ta' kreditu sa EUR 100 000 għal kull depożitant. Hawnhekk għandhom jiġu rapportati wkoll bilanċi ta' depożiti temporanjament għoljin li huma koperti minn skema ta' garanzija tad-depożiti, skont l-Artikolu 6(2).</p> <p>Ma għandhomx jiġu rapportati strumenti oħra għajr depożiti, irrispettivament minn jekk humiex koperti jew le minn skemi ta' garanzija tad-depożiti.</p>
020	<p><u>Depożiti li mhumiex koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE jew minn skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.</u></p>

	Din l-entrata tinkludi depożiti mhux rapportati fir-ringiela 010, inkluża l-parti tad-depożiti mhux koperta rapportata fir-ringiela 010.
030	<p><u>Strumenti finanzjarji simili għal depożiti li għalkemm jixbhu lil depożiti mhumiex depożiti u jinbiegħu lil klijenti fil-livell tal-konsumaturi.</u></p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw prodotti li għandhom xi kunċett nozzjonali jew reali ta' protezzjoni tal-kapital, iżda li jista' jkollhom eżitu prestazzjonali varjabbli. Din l-entrata tinkludi biss strumenti li mhumiex koperti minn skemi ta' garanzija tad-depożiti.</p>

4.3. Sorsi ta' finanzjament mis-settur pubbliku u minn banek ċentrali (P02.02)

4.3.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

19. L-ammont rapportat għandu jkun l-ammont riportat ta' finanzjament pendenti fl-aħħar ta' kull sena.

Ringieli	
005	<p><u>Programmi ta' finanzjament repo nazzjonali u supranazzjonali ta' terminu fiss (inqas minn sena)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi programmi li japplikaw għal ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru wieħed tal-UE għall-kuntrarju ta' programmi li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-finanzjament tal-operaturi garantit li jkunu rċevew (permezz ta' tranżazzjoni repo minn banek ċentrali). Terminu fiss ifisser li l-maturità inizjali jew l-ewwel data eżerċitabbli hija ta' inqas minn sena 1.</p> <p>Finanzjament li jingħata permezz ta' programmi ta' finanzjament mill-banek ċentrali bħall-operazzjonijiet prinċipali ta' rifinanzjament (MRO) tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jiġi rapportat f'din ir-ringiela irrispettivament mill-forma ġuridika tat-tranżazzjoni, jiġifieri jekk tkunx saret bħala tranżazzjoni repo jew b'xi mod ieħor.</p>
010	<p><u>Programmi ta' finanzjament repo nazzjonali u supranazzjonali ta' terminu fiss (ta' sena jew aktar)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi programmi li japplikaw għal ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru wieħed tal-UE għall-kuntrarju ta' programmi li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont tal-finanzjament tal-operaturi garantit li jkunu rċevew (permezz ta' tranżazzjoni repo minn banek ċentrali). Terminu fiss ifisser li l-maturità inizjali jew l-ewwel data eżerċitabbli hija ta' sena 1 jew aktar.</p> <p>Finanzjament li jingħata permezz ta' programmi ta' finanzjament tal-banek ċentrali bħal operazzjonijiet ta' rifinanzjament ta' terminu twil (TLRO) tal-Bank Ċentrali Ewropew, inklużi operazzjonijiet immirati ta' rifinanzjament fuq żmien itwal (TLTRO), għandhom jiġu rapportati f'din ir-ringiela irrispettivament mill-forma ġuridika tat-tranżazzjoni, jiġifieri jekk tkunx saret bħala tranżazzjoni repo jew b'xi mod ieħor.</p>

020	<p><u>Programmi ta' finanzjament ta' garanzija tal-kreditu nazzjonali u supranazzjonali ta' terminu fiss (ta' sena jew aktar)</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi programmi li japplikaw għal ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru wieħed tal-UE għall-kuntrarju ta' programmi li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' dejn tal-operaturi mhux garantit ta' terminu fiss maħruġ li huwa garantit minn awtorità nazzjonali u/jew supranazzjonali fil-każ li l-istituzzjoni ta' kreditu tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha. Terminu fiss ifisser li l-maturità inizjali jew l-ewwel data eżerċitabbli hija ta' aktar minn sena 1 jew li l-karatteristika ta' riportament tal-garanzija offruta mill-awtoritajiet tagħti maturità reali impliċita tal-garanzija ta' sena 1 jew aktar.</p>
030	<p><u>Skema ta' inċentiv għall-provvista ta' kreditu nazzjonali u supranazzjonali ta' terminu fiss (ta' sena 1 jew aktar) lill-ekonomija reali- appoġġ għall-ħruġ ta' dejn</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi programmi li japplikaw għal ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru wieħed tal-UE għall-kuntrarju ta' programmi li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' appoġġ għall-ħruġ ta' dejn lill-operaturi garantit jew mhux garantit ta' terminu fiss li jkunu ngħataw biex joħorġu għall-iskop uniku ta' intermedjazzjoni kreditizja lill-ekonomija reali permezz ta' inċentivi minn awtorità nazzjonali u/jew supranazzjonali. Terminu fiss ifisser li l-maturità inizjali jew l-ewwel data eżerċitabbli hija ta' aktar minn sena 1 jew li l-karatteristika ta' riportament tal-istruttura offruta mill-awtoritajiet tagħti inċentiv impliċitu b'maturità ta' sena 1 jew aktar.</p>
040	<p><u>Skema għall-provvista ta' kreditu nazzjonali u supranazzjonali ta' terminu fiss (ta' sena 1 jew aktar) lill-ekonomija reali - self mogħti</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi programmi li japplikaw għal ħafna istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stat Membru wieħed tal-UE għall-kuntrarju ta' programmi li japplikaw għal istituzzjonijiet ta' kreditu individwali. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' finanzjament dirett li jkunu rċevew mis-settur pubbliku għall-finanzjament tal-ekonomija reali, pereżempju self minn bank tal-Istat jew minn istituzzjonijiet pubbliċi oħra, li għandu jintuża biex jipprovdu self lil unitajiet domestiċi jew lil korporazzjonijiet mhux finanzjarji. Terminu fiss ifisser li l-maturità inizjali hija ta' sena 1 jew aktar jew li l-karatteristika ta' riportament tas-self mogħti mill-awtoritajiet timplika maturità attwali ta' aktar minn sena 1.</p>

4.4. Strutturi innovattivi ta' finanzjament (P02.03)

20. Kif ġie nnotat fl-anness tar-Rakkomandazzjoni tal-BERS dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ESRB/2012/2), strumenti ta' finanzjament innovattiv jistgħu jinkludu, iżda ma jistgħux ikunu ristretti biss għal:

(a) Swaps tal-likwidità: tip ta' self garantit li permezz tiegħu sellief jagħti assi likwidi ferm lil mutwatarju (pereżempju flus kontanti u bonds tal-gvern) inkambju għal rahan ta' kollateral inqas likwidu (pereżempju titoli garantiti b'assi), u fil-proċess itejjeb il-likwidità tiegħu.

(b) Prodotti strutturati: prodotti bi struttura ta' gwadann predefinita li tiddependi mill-valur fil-maturità jew fuq l-iżvilupp ta' fattur jew ta' fatturi sottostanti bħalma huma ishma, indiċi tal-ekwità, Rati tal-Kambju (FX), indiċi tal-inflazzjoni, titoli ta' dejn jew komoditajiet. Jistgħu jieħdu l-forma ta' titoli strutturati jew ta' depożiti strutturati.

(c) Fondi negozjati fil-borża.

4.4.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi

Ringieli	
010	<p><u>Strutturi ta' finanzjament innovattivi attwali tad-dejn jew simili għal dejn</u></p> <p>Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-istokks pendenti ta' strutturi innovattivi ta' finanzjament tad-dejn jew simili għal dejn fid-data ta' referenza u fil-projezzjonijiet fuq 3 snin.</p>
020	<p><u>l/m mibjugħa lil SMEs</u></p> <p>SMEs huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 5.</p>
030	<p><u>l/m mibjugħa lil unitajiet domestiċi</u></p> <p>Unitajiet domestiċi huma definiti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014, l-Anness V, il-Parti 1, il-paragrafu 42(f).</p>
040	<p><u>l/m mibjugħa lil unitajiet domestiċi li diġà għandhom depożiti bankarji</u></p> <p>Hawnhekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont mibjugħ lil unitajiet domestiċi li kellhom depożitu/depożiti mal-istituzzjoni ta' kreditu qabel ix-xiri tal-prodott ta' finanzjament innovattiv.</p>

Kolonni	
060	<p><u>Taqsimi tal-kummenti</u></p> <p>L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-prodotti sottostanti rapportati fir-ringieli minn 010–040. Bħala minimu, l-informazzjoni addizzjonali għandha tinkludi dettalji dwar l-istruttura tal-prodotti, l-ammonti ta' prodotti individwali, il-kontropartijiet, il-maturitajiet u d-data tal-ewwel ħruġ.</p>

5. Taqsimi 2B: ipprezzar

5.1. Kummenti ġenerali

21. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw:

(a) Projezzjonijiet tar-rendiment fuq l-assi, b'orizzont ta' sena 1. Id-ditti għandhom jirrapportaw ir-rendiment kumplessiv riċevut u ma għandhomx jirrapportaw firxa (P02.04).

(b) Projezzjonijiet tal-kostijiet tal-finanzjament, b'orizzont ta' sena 1 (P02.05).

22. Għall-finijiet tar-rapportar tar-rendimenti fuq l-assi u l-kostijiet tal-finanzjament għal kull ringiela fil-mudelli P02.04 u P02.05, il-livell tal-prezz għandu jkun il-medja ponderata tar-rendiment/kost tal-operazzjonijiet korrispondenti. Ir-rendiment/kost għandu jkun ponderat skont l-ammont tal-operazzjonijiet korrispondenti riportat fl-aħħar ta' kull sena.

5.2. Ipprezzar: assi ta' self (P02.04)

23. Japplikaw id-definizzjonijiet fir-ringieli tal-mudell P01.01.

5.3. Ipprezzar: depożiti u obligazzjonijiet oħra (P02.05)

24. Japplikaw id-definizzjonijiet fir-ringieli tal-mudell P01.02.

6. Taqsima 2C: assi u obligazzjonijiet f' muniti barranin u fil-munita tar-rapportar (P02.06)

6.1. Kummenti ġenerali

25. Il-mudell P02.06 jinkludi informazzjoni dwar assi u obligazzjonijiet f' muniti barranin għall-akbar żewġ muniti sinifikanti u fil-munita tar-rapportar. Dan il-mudell għandu jiġi rapportat għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u li mhumiex kumplessi kif definit fl-Artikolu 4(145) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

26. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqassmu l-karta bilanċjali skont l-akbar żewġ muniti sinifikanti u skont il-munita tar-rapportar. Munita għandha titqies bħala sinifikanti meta tkun tirrapreżenta aktar minn 5 % tal-obbligazzjonijiet totali, kif definit fl-Artikolu 415(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Ma hemmx differenza fil-klassifikazzjoni tal-muniti dment li jiġu rapportati l-akbar tnejn kif ukoll il-munita tar-rapportar. Fil-mudell P02.06 il-munita huma rapportati fl-assi-z.

27. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jidentifikaw il-muniti sinifikanti abbażi tal-limitu ta' hawn fuq. Il-munita tar-rapportar għandha tiġi rapportata wkoll fil-mudell P02.06.

28. Id-*data* għandha tiġi rapportata fil-munita tad-denominazzjoni.

29. Il-mudell P02.06 jirreferi għal 'self u avvanzi gross u assi finanzjarji oħra – qabel l-iħħeġġjar permezz ta' tranżazzjonijiet forward tal-kambju (FX), swaps FX, swaps bejn il-muniti jew permezz ta' strumenti oħra' u jeskludi self ta' retroriakkwist. Għar-ringieli 015 sa 037, japplikaw id-definizzjonijiet fil-mudell P01.01. Id-*data* għal dawn ir-ringieli għandha tintbagħat mingħajr ma jitqies l-effett ta' ħħeġġjar mit-tranżazzjonijiet forward tal-kambju (FX), swaps FX, swaps bejn il-muniti jew minn ta' strumenti oħra.

30. 'Assi finanzjarji oħrajn' għandhom jikkonsistu f'assi finanzjarji li ma ġewx inklużi fir-ringieli minn 015 sa 037 imsemmija hawn fuq li huma denominati wkoll fil-munita materjali jew tar-rapportar korrispondenti, inklużi investimenti fi strumenti azzjonarji f'dik il-munita. Id-*data* għal din ir-ringiela għandha tintbagħat ukoll mingħajr ma jitqies l-effett ta' ħħeġġjar minn tranżazzjoni forward tal-kambju (FX), swaps FX, swaps bejn il-muniti jew minn strumenti oħra.

31. Il-mudell P02.06 jirreferi għal 'depożiti grossi u obbligazzjonijiet finanzjarji oħra – qabel l-iħħeġġjar permezz ta' tranżazzjoni forward tal-kambju (FX) jew swaps bejn il-muniti jew minn strumenti oħra' u jeskludi ftehimiet ta' riakkwist. Għar-ringieli 045 sa 080, japplikaw id-definizzjonijiet fil-mudell P01.02. Id-*data* għal dawn ir-ringieli għandha tintbagħat mingħajr ma jitqies l-effett ta' ħħeġġjar minn tranżazzjoni forward tal-kambju (FX), swaps FX jew swaps bejn il-muniti jew minn strumenti oħra.

32. 'Obbligazzjonijiet finanzjarji oħrajn' għandhom jinkludu obbligazzjonijiet finanzjarji li ma ġewx inklużi fir-ringieli minn 045 sa 080 imsemmija hawn fuq li huma denominati wkoll fil-munita materjali jew tar-rapportar korrispondenti. Id-*data* għal din ir-ringiela għandha tintbagħat mingħajr ma jitqies l-effett ta' ħħeġġjar minn tranżazzjoni forward tal-kambju (FX), swaps FX, swaps bejn il-muniti jew minn strumenti oħra.

7. Taqsima 2D: pjanijiet ta' ristrutturar tal-assi u tal-obbligazzjonijiet (P02.07 u P02.08)

7.1. Kummenti ġenerali

33. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex żgħar u li mhumiex kumplessi kif definit fl-Artikolu 4(145) tas-CRR u li qed jippjanaw li jirristrutturaw b'mod sostanzjali/b'mod sinifikanti l-karta bilanċjali tagħhom għandhom jirrapportaw id-*data* fil-mudelli P02.07 u P02.08.

34. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw:

(a) il-projezzjoni tal-assi li biħsiebha takkwista/tiddisponi minn u/jew li ġew identifikati għal likwidazzjoni (P02.07);

(b) il-projezzjoni tal-obbligazzjonijiet li jew biħsiebha takkwista jew tiddisponi minnhom (P02.08).

35. Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' meta tranżazzjoni għandha titqies bħala ristrutturar sinifikanti (inklużi l-akkwiżizzjonijiet) tal-karta bilanċjali tagħha, kull istituzzjoni ta' kreditu għandha tqis l-impatt tagħha fuq l-istrateġija tan-negozju u fuq il-pjan ta' finanzjament tagħha.

36. Il-likwidazzjoni u d-disponiment ta' assi jirreferu għal assi li mhumiex se jiġu strateġikament riportati meta jimmatraw jew meta l-kontropartijiet ikunu mħeġġa jsibu bank ieħor biex jiffinanzja jew direttament jew permezz ta' portafoll bejgħ strateġiku lil istituzzjoni oħra. L-akkwiżizzjoni ta' assi tirreferi għal assi li jiġu strateġikament akkwistati bħala xiri ta' portafoll ta' assi eżistenti mingħand istituzzjoni oħra.

37. L-akkwiżizzjoni ta' obbligazzjonijiet tirreferi għal obbligazzjonijiet li jiġu strateġikament akkwiżiti mingħand kontroparti oħra jew jiġu trasferiti lilha, pereżempju bħala riżultat ta' fużjoni jew akkwiżizzjoni.

38. L-akkwiżizzjonijiet għandhom jiġu rapportati netti mingħajr disponimenti u likwidazzjonijiet.

39. Sabiex ikun jista' jiġi finalizzat il-mudell dwar il-projezzjoni tal-assi (P02.07), valur negattiv jista' jiġi rapportat meta ditta tkun biħsiebha tiddisponi minn assi u/jew assi jkun ġie identifikat għal-likwidazzjoni.

40. Sabiex ikun jista' jiġi finalizzat il-mudell dwar il-projezzjoni tal-obbligazzjonijiet (P02.08), valur negattiv jista' jiġi rapportat meta ditta tkun biħsiebha tiddisponi minn obbligazzjoni u/jew obbligazzjoni tkun ġiet identifikata għal-likwidazzjoni.

41. Id-definizzjonijiet fil-mudelli P01.01 u P01.02 japplikaw għall-mudelli P02.07 u P02.08, rispettivament.

8. Taqsima 4: rapport tal-introjtu (P04.01 u P04.02)

8.1. Kummenti ġenerali

42. Il-mudell P04.01 għandu jimtela għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u li mhumiex kumplessi kif definit fl-Artikolu 4(145) tas-CRR u li huma meħtieġa jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament skont dawn il-linji gwida.

43. Il-mudell P04.02 għandu jimtela għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li huma istituzzjonijiet żgħar u li mhumiex kumplessi kif definit fl-Artikolu 4(145) tas-CRR u li huma meħtieġa jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament skont dawn il-linji gwida.

44. Dawn il-mudelli fihom informazzjoni magħżula mill-mudell F02.00 (rapport tal-introjtu) fl-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) Nru 680/2014. L-istruzzjonijiet għall-għoti ta' dik l-informazzjoni huma definiti fl-Anness V, il-Parti 2, il-paragrafi 31 sa 56 ta' dak ir-regolament.

8.1.1. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi għal P04.01

Ringieli	
354	<u>Entrati oħra (+/-) li jikkontribwixxu għall-introjtu operatorju totali nett, nett</u> Din l-entrata tinkludi kwalunkwe ammont ieħor (nett) inkluż fl-introjtu operatorju totali nett li ma jkunx diġà ġie rapportat fir-ringieli minn 010 sa 350 hawn fuq.
609	<u>Entrati oħra (+/-) li jikkontribwixxu għall-profitt jew (-) għat-telf qabel it-taxxa minn operazzjonijiet kontinwi</u> Din l-entrata tinkludi kwalunkwe ammont ieħor (nett) li jikkontribwixxi għall-profitt jew (-) għat-telf qabel it-taxxa minn operazzjonijiet kontinwi li ma jkunx diġà ġie rapportat fir-ringieli minn 355 sa 590 hawn fuq.

8.1.2. Struzzjonijiet dwar pożizzjonijiet speċifiċi għal P04.02

Ringieli	
297	<u>Qligħ jew (-) telf operatorju minn assi u obbligazzjonijiet finanzjarji</u> Kif definit fil-mudell F02.00 (rapport tal-introjtu) fl-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) Nru 680/2014, għandhom jiġu inklużi l-entrati li ġejjin:

	<ul style="list-style-type: none"> • qligħ jew (-) telf fuq l-irtirar tar-rikonoxximent ta' assi u ta' obligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejla bil-valur ġust mgħoddi bħala profitt jew telf, nett; • qligħ jew (-) telf fuq assi u obligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju, nett; • qligħ jew (-) telf fuq assi u obligazzjonijiet finanzjarji miżmuma għan-negozju, nett; • qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji mhux miżmuma għan-negozju mkejjel b' mod obligatorju bil-valur ġust mgħoddi bħala profitt jew telf, nett; • qligħ jew (-) telf fuq assi u obligazzjonijiet finanzjarji indikat fil-valur ġust mgħoddi bħala profitt jew telf, nett; • qligħ jew (-) telf fuq assi finanzjarji mhux miżmuma għan-negozju, nett.
354	<p><u>Entrati oħra (+/-) li jikkontribwixxu għall-introjt operatorju totali nett, nett għall-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi</u></p> <p>Din l-entrata tinkludi kwalunkwe ammont ieħor (nett) inkluż fl-introjt operatorju totali nett li ma jkunx diġà ġie rrapportat fir-ringieli minn 010 sa 297 hawn fuq.</p>
609	<p><u>Entrati oħra (+/-) li jikkontribwixxu għall-profitt jew (-) għat-telf qabel it-taxxa minn operazzjonijiet kontinwi għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi</u></p> <p>Kull ammont ieħor (nett) li jikkontribwixxi għall-profitt jew (-) għat-telf qabel it-taxxa minn operazzjonijiet kontinwi li ma ġewx diġà rrapportati fir-ringieli minn 360 sa 460 hawn fuq.</p>

9. Taqsima 5: ħruġ ippjanat (P05.00)

9.1. Kummenti ġenerali

45. Japplikaw l-istruzzjonijiet għall-istrumenti ta' dejn u għat-tqassim fil-mudell dwar l-obbligazzjonijiet (P01.02).

46. Fir-ringieli 'qed jimmaturaw (flussi tal-ħruġ gross)' tat-tip ta' strument korrispondenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' dawk l-istrumenti li huma kuntrattwalment mistennija jimmaturaw matul iż-żmien bejn it-tmiem tal-perjodu preċedenti u t-tmiem tal-perjodu rilevanti. Hawnhekk għandhom jiġu nklużi wkoll l-istrumenti riakkwistati u mifdija mill-entitajiet, kif ukoll dawk li ġew kanċellati qabel id-data tal-maturità kuntrattwali.

47. Fir-ringieli 'ħruġ mhux ritenut (influss gross)' tat-tip ta' strument korrispondenti, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammonti li huma ppjanati li jinħarġu u li mhumiex se jinżammu mill-istituzzjoni matul iż-żmien bejn it-tmiem tal-perjodu preċedenti u t-tmiem tal-perjodu rilevanti. Ma għandhomx jinkludu dawk l-ammonti li sejrin jinżammu kif definit fil-paragrafu li jmiss.

48. Fil-ħruġ ritenut (entrata ta' memorandum) l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrapportaw l-ammont ta' dak il-ħruġ li ma tpoġġiex fis-suq iżda minflok inżamm mill-bank, pereżempju, għall-fini ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament ma' banek ċentrali permezz ta' repos.

49. Fil-każ ta' strumenti li jkunu għaddew minn kategorija għal oħra, inkluż meta strumenti tal-Grad 1 addizzjonali li jkunu ġew kompletament irtirati jsiru strumenti tal-Grad 2 totalment eliġibbli, l-istrumenti għandhom jiġu reġistrati bħala fluss tal-ħruġ fir-ringieli 'qed jimmaturaw (flussi tal-ħruġ gross)' tal-kategorija tal-istrument

oriġinali korrispondenti u bħala influuss fir-ringieli 'ħruġ mhux ritenut (influss gross)' tal-kategorija tal-istrument ġdid korrispondenti.